

Brussell, 24 ta' Frar 2023
(OR. en)

6212/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0017(NLE)

TRANS 50
RELEX 165

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 5809/23 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq, fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u l-kontinwazzjoni tal-Ftehim – Adozzjoni

KUNTEST U KONTENUT TAL-PROPOSTA

1. Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq ("il-Ftehim"). Il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tiegħu għall-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fis-27 ta' Ġunju. Il-Ftehim ġie ffirmat fid-29 ta' Ġunju u ilu japplika b'mod proviżorju minn dakinhar. Il-Ftehim ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-6 ta' Lulju¹. Il-Ftehim ġie konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2435² fit-13 ta' Diċembru 2022.

¹ *ĠUL 179, 6.7.2022, p.4.*

² *ĠUL 319, 13.12.2022, p.5.*

2. Fit-2 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim, fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u l-kontinwazzjoni tal-Ftehim.

EŻAMI FIL-LIVELL TA' GRUPP TA' ĦIDMA

3. Fit-8 ta' Frar, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art iddiskuta l-proposta u kkonkluda li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tista' tiġi adottata. Għe miftiehem li l-Kumitat Konġunt għandu l-ewwel jiddeċiedi dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura u mbagħad jiddeċiedi dwar il-kontinwazzjoni tal-Ftehim. Għal dan l-għan, għe miftiehem li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi emendata u li jittieħdu żewġ deċiżjonijiet separati mill-Kumitat Konġunt, waħda dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura u oħra dwar il-kontinwazzjoni tal-Ftehim.
4. Fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim, id-delegazzjonijiet esprimew kawtela dwar kontinwazzjoni twila wisq. Għe deċiż li l-Ftehim ikun jista' jitkompla sat-**30 ta' Ġunju 2024**. Jekk ikun hemm bżonn ta' kontinwazzjoni ulterjuri, dan jista' jsir wara li jkun għe vvalutat il-funzjonament tal-Ftehim u l-ħtieġa li dan jitkompla wara dik id-data.

KONKLUŻJONI

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill fid-dokument JL 6209/23 u ż-żewġ addenda fid-dokumenti 6209/23 ADD1 (l-ewwel deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, li tistabbilixxi r-regoli ta' proċedura) u 6209/23 ADD2 (it-tieni deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, li taqbel dwar il-kontinwazzjoni tal-ftehim).
6. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill bil-lingwi kollha, f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u ser tintbagħtlu d-Deċiżjoni tal-Kunsill.